MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Numru 33/2002

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Brian Mallia, iben Louis,
imwieled Pieta’ fil-11 ta’
Lulju, 1974
u
Frankie Pace, iben Lawrence,
imwieled Pieta’ fl-4 ta’
Lulju, 1979

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –
1. talli fid-9 ta’ jannar, 2002 wara nofs in-nhar f’Tigne Sea Front Shopping Complex, Sliema kkomettew serq ta’ diversi oġġetti fosthom mobile phones, mill-ħanut bl-isem "‘ual Zone' li l-valur tagħhom jeċċedi l-valur ta’ Lm1,000 għad-dannu tad-diriġenti ta’ l-istess ħanut liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-valur;

2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi xjentement laqgħu għandhom, jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara fil-bieb ta' l-imsemmi ħanut liema ħsara hi ta' aktar minn Lm10 iżda anqas minn Lm50;
4. talli huma reċidivi b'diversi sentenżi, liema sentenżi huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula;
lil Frankie Pace, waħdu –
5. talli kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża datata 11 ta' ġunju, 2001, kif ukoll mtalli kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Probation Order imposta fuqu b'sentenza tat-18 ta' lulju, 2000.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' novembru, 2003 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fil-konfront taż-żewġ imputati:
Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ), 263, 263, 264, 265, 266, 279(b), 280, 334, 28A sa 28H, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' frar, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom u taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' frar, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li Frankie Pace qed jiskonta piena ta' priġunerija dwar is-sentenza sospiża tal-11 ta' ġunju, 2001.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom minn tali akkuża. Ma ssibx lill-imputat Frankie Pace ħati tal-akkuża

ta’ ksur ta’ sentenza sospiża għaliex fil-fatt hu qed jiskonta tali piena. Issib lill-imputati ħatja tal-akkużi l-oħra kollha. Rat Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ), 263, 263, 264, 265, 266, 279(b), 280, 325, 20, 22, 23 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta’ sentejn u nofs priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------